# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Mejju 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 568/00mm**

**John Colombo**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fl-4 ta' Mejju 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm325) jew somma verjuri kif jigi pruvat bhala danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu FAZ 354 meta l-konvenut Joseph Mifsud ikkaguna kollizzjoni *front to rear* mentri kien qed isuq il-vettura tieghu KAQ 716 f'Naxxar Road Tal-Ballal (hdejn il-Vibes) Birkirkara nhar l-14 ta' Settembru 1999 (Dok A) u b'hekk ikkaguna hsara fuq il-fuq imsemmija vettura ta' l-attur FAZ 354 li

kienet qed tinsaq quddiemu, liema kollizzjoni sehhet unikament minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u diversi ittri legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-incident awtomobilistiku ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort tal-attur minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-attur.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara f'Naxxar Road, f'Tal Balal fejn il-Vibes Discotech bejn il-vettura FAZ 354 misjuqa mill-attur u Ford Transit KAQ 716 misjuq mill-konvenut. Iz-zewg vetturi kienu qieghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni lejn San Gwann izda jidher illi f'xi hin il-vettura misjuqa mill-konvenut habtet mannahha ta' wara l-ponta tal-lemin tal-karozza misjuqa mill-attur, baqa jitkaxkar ftit sakemm waqaf xi distanza quddiemu.

L-attur xehed li huwa kien qed isuq il-karozza tieghu fid-direzzjoni ta' San Gwann meta f'daqqa wahda hass daqqa fuq il-ponta ta' wara tan-nahha tal-lemin u hass tkaxkira mal-gemb kollu. B'din id-daqqa l-karozza giet spostjata lejn ix-xellug, semgha brake qawwi u ra l-vettura tal-konvenut tieqaf f'xi distanza quddiemu. Inzerta kienu ghaddejjin Pulizija tat-Traffiku illi qalu illi dana kien *bumper to bumper* u ghalhekk kellhom jaghmlu l-formola li kopja taghha tinsab esibita a fol a tal-process. Din il-formola tinsab f'centru ta' kontroversja peress illi l-konvenut ighid illi huwa ma kienx involut meta giet mimlija l-kolonna markata 13 ta' din il-formola. Filwaqt illi kkonferma illi l-particulars tal-vettura tieghu huma korretti qal illi l-pjanta ta'

l-incident saret mill-pulizija u ghalhekk iffirma din id-dikjarazzjoni, pero' l-kolonna ntestata numru 13 ma kienetx mimlija meta ffirma din il-formola. Il-Qorti jidhrilha illi fi kwalunkwe kaz, din il-kolonna ma hijiex ta' importanza daqshekk vitali ghal konsiderazzjoni tar-responsabbilta' f'dan l-incident, u l-Qorti trid toqghod fuq il-versjonijiet moghtija mill-partijiet u l-provi minnhom prodotti.

Ghal dak li jirrigwarda l-versjoni tal-konvenut dana qal li huwa kien ghaddej ukoll fid-direzzjoni ta' San Gwann pjuttost ghan-nofs tat-triq jew imxaqleb lejn il-lemin tal-karreggjata tieghu. F'daqqa wahda hass daqqa fuq quddiem mal-mudguard tax-xellug u ra l-karozza misjuqa mill-attur titkaxkar quddiemu. Dina waqfet lejn ix-xellug u huwa waqaf fil-posizzjoni kif indikat fil-pjanta ta' l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi l-versjoni moghtija mill-attur hija aktar verosimili. Kif huma maghmula dawn il-hsarat hija ndikazzjoni cara illi kien il-konvenut li baqa diehel fuq il-karozza ta' l-attur u mhux vice versa. Il-hsarat fil-karozza ta' l-attur jidhru cari bit-tkaxkira li

tibda mill-fanal ta' wara tan-nahha tal-lemin li jibqa sejjer sal-bieba.

Il-konvenut minn nahha l-ohra jghid li ma kellux hsara ghajr xi ghafsa minn nahha ta' wara tal-mudguard li rriflettiet fuq barra. Apparti l-fatt li l-Qorti difficli tifhem kif dana jista jkun, dina ma tbiddilx il-pern tal-kwistjoni kollha u cioe' illi l-hsarat li gew subiti mill-attur kienu dovuti ghal sewqan traskurat da parti ta' l-istess konvenut u mhux vice versa.

Evidentement il-konvenut kien qed jaghmel xi manuvra ta' sorpass fuq il-vettura ta' l-attur u ghafas vicin wisq b'tali mod li baqa diehel fuqha u kkaguna d-danni reklamati. Dawn id-danni ma jidhrux illi huma kontestati u l-attur esebixxa l-kontijiet u l-ircevuti relattivi biex jiggustifika l-pretensjoni tieghu. Il-konvenut ighid li huwa nduna bil-karozza ta' l-attur mal-habta. Dana tfisser allura illi huwa ma kienx qed izomm '*a proper look out*' peress illi l-karozza ta' l-attur kienet fit-triq f'posizzjoni illi kellha tkun ben visibbli ghal konvenut. Hija nkoncepibbli illi f'sitwazzjoni bhal dik il-konvenut ighid illi huwa ma ndunax bil-karozza ta' l-attur u nduna biha mal-habta. Terga' u tghid illi huwa kien qed isuq van u kien f'posizzjoni elevata fejn allura l-viswali fit-triq ghalih hija ferm ahjar minn dik ta' l-attur.

Il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament il-konvenut u ta' dan ghandu jwiegeb.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara fl-14 ta' Settembru 1999 f'Naxxar Road, Tal-Balal, bejn il-karozza FAZ 354 misjuqa mill-attur u l-vettura KAQ 716 misjuqa mill-istess konvenut u dana minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tlett mija hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm325) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat lill-attur.

Bl-ispejjez u interessi legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg